Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal April 2018**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex l-ekonomisti jkollhom il-kuraġġ iwarrbu l-ekonomija tal-esklużjoni u jagħrfu jiftħu toroq ġodda.**

*Talba:*

Mulej nitolbu għal dawk li jinfluwenzaw jew jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi sabiex ikollhom l-għerf u l-libertà li jieħdu deċiżjonijiet ġusti u li jaħdmu għall-ġid komuni u mhux biss għal gruppi privileġġjati.

*X'nista' nagħmel:*

Naħseb ftit dwar kif deċiżjonijiet ekonomiċi li jittieħdu qegħdin jaffettwaw nies differenti. Jekk ninduna li hemm xi miżura li mhix ġusta u li qiegħda tikkaġuna tbatija, nista' nitkellem mal-membri parlamentari li jirrappreżentawni u nħeġġiġhom sabiex huma jaħdmu biex jiġu introdotti miżuri li huma aktar favur il-ġid komuni.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com